MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 732/1995/2

**George Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Spiteri Tiles Limited**

**vs**

**George Xuereb bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta kummercjali GV Xuereb Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn lk-attur nomine ppremetta:

Illi l-konvenut nomine ghandu jhallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta’ sebat elef mitejn u wiehed u erbghin liri Maltin u sitta u sittin centezmu (LM7241.66) rapprezentanti prezz ta’ madum u rham konsenjat lill-istess konvenut nomine u kif ukoll xoghol ta’ ghorik, tqeghid u twahhil ta’ l-istess;

Illi dan l-ammont ghalkemm diversi drabi mitlub lill-konvenut nomine, dana baqa’ inadempjenti, ghalkemm huwa dovut skond il-ligi;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni opportuna ta’ responsabbilita’ da parti tieghu, ghar-ragunijiet fuq premessi tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm7241.66 bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja u terminazzjoni tax-xogholijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u l-konvenut nomine gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici qed tigi ammessa limitatament ghall-ammont ta’ Lm1790.46,3 (elf sebgha mija u disghin lira Maltin, sitta u erbghin centezmu u tlett millezmi) liema ammont kien minn dejjem accettat;

2. Illi kwantu ghall-ammont bilancjali t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li kawza ta’ dewmien esagerat fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tal-attur nomine kif ukoll xoghol mhux skond l-arti u s-sengha s-socjeta’ konvenuta sofriet danni konsistenti f’imposizzjoni ta’ penali u tnaqqis iehor li jahti unikament ghalih l-attur nomine;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Dicembru 1995 li bihb gie nominat bhala espert tekniku l-AIC Alan Saliba bil-fakoltajiet soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli espert tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tatr-12 ta' April 2005;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma komplessiva ta' sebat elef mitejn u wiehed u erbghin liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm7241.66) prezz ta' madum u rham mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta u prezz ta' xoghol ta' ghorik, tqeghid u twahhil ta' l-istess. Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmi ammont;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha fl-ewwel lok idikjarat li t-talba attrici hi ammessa, limitatament pero', ghall-ammont ta' elf sebgha mija u disghin liri Maltin, sitta u erbghin centezmu u tlett millezmi (Lm1790.46,3). Ghar-rigward tal-bilanc in vista tad-dewmien esagerat fl-esekuzzjoni tal-appalt da parti tas-socjeta attrici kif ukoll minhabba li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, s-socjeta' konvenuta sofriet danni konsistenti f'imposizzjoni ta' penali u tnaqqis iehor li ghalihom tahti unikament is-socjeta atrici;

Fir-rapport tiegghu l-abbli espert tekniku kkonkluda li l-ammont ta' tlett elef hames mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm3557.39) ghax-xoghol ta' irham esegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta huwa cert u dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici billi ma gietx ippruvata l-ecezzjoni tas-socjeta konvenuta li dan ix-xoghol ma sarx

skond l-arti u s-sengha jew li dan sar b'dewmien esagerat u li rizultat t'hekk hi soffriet xi danni. Huwa inoltre kkonkluda li rigward l-ammont ta' tlett elef u sitt mija u erba' u tmenin Liri Maltin u sebgha u ghoxrin cetezmi (Lm3684.27) ghalkemm gie ppruvat li hemm xi difetti fil-wicc tal-madum u fit-tqeghid, ma giex ippruvat mis-socjeta' konvenuta x' danni hi sofriet minhabba li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u lanqas ma gie ppruvat li dan ix-xoghol sar b'dewmien esagerat u li rizultat t'hekk is-socjeta' konvenuta soffriet xi danni. Ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici sabiex tithallas l-ammont totali ta' sebat elef u mitejn u wiehed u erbghin liri Maltin u sitta u sittin centezmi (LM7241.66) minghand is-socjeta konvenuta ghandha tigi milqugha;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa l-imsemmi rapport tal-espert tekinku u taqbel mal-kostatazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet tal-istess espert tekniku u ghalhekk taddotthom u tghamilhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li dawn l-istess konkluzjonijiet jitbiddlu;

In vista tal-premess t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm7241.66 u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------